MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1572/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Edwin Vella sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Edwin Vella**

**vs**

**Avukat Richard Sladden nominat b'digriet tad-19 ta'Dicembru 2001 kuratur deputat nominat sabiex jirraprezenta lill-assenti John Albert Nica u fis-seduta tat-8 ta' Frar 2002 is-socjeta Hayes Insurance Agency Ltd assumiet l-atti a nom tal-assenti John Albert Nica.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sitt mija u disgha u sebghin lira Maltija u

tnejn u disghajn centezmu (Lm679.92), danni kagunati f'incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Dicembru 1999, gewwa San Giljan, bejn il-vettura bin-numru AAK 942 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru IBD 283 misjuqa minn Joseph Vella u propjeta tal-assikurat tas-socjeta ta' Edwin Vella, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-kuratur deputat (fol. 16) li permezz taghha ddikjara:

1. Li m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz u jirrizerva li jippezenta l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ultejuri.

2. Li huwa kiteb lid-difensur tas-socjeta attrici u tal-attur sabiex jinghat l-indirizz tal-istess konvenut.

Semgha x-xhieda li tressqet.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:

1. Fit-30 ta' Dicembru 1999 sehh incident tat-traffiku gewwa San Giljan. Il-vetturi nvoluti f'dan l-incident kienu Toyota Tercell (numru IBD 283) misjuqa minn Joseph Vella, u l-vettura Kia Avella (AAK 942) misjuqa mill-assenti John Albert Nica.

2. Joseph Vella xehed fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2002. Huwa kkonferma li:

- Kien ghaddej minn taht il-mina u kien qieghed isuq fil-karreggjata ta' gewwa.

- Hekk kif gie biex johrog mill-mina, karrozza li kienet ghaddejja mill-karreggjata ta' barra (Kia Avella) qabzet il-vettura misjuqa minn Joseph Vella u *"gibdet lejn in-nofs tat-triq u f'daqqa wahda dahlet quddiemi"*. Meta saret din il-manuvra mis-sewwieq tal-vettura Kia Avella kien hemm distanza ta' *"xi metru bejn il-vettura tieghi u l-vettura Kia Avella"*.

- Ghafas il-brejk, izda baqa’ diehel fuq il-mudguard ta’ wara tal-vettura l-ohra u l-vetturi baqghu jitkaxkru ghal distanza. Kompla jispjega li, *“peress illi d-distanza kienet wahda qasira u l-art kienet kollha imxarrba minhabba x-xita, jiena ma kellix hin bizzejjed biex inwaqqaf il-karrozza”*.

- L-incident sehh fil-mina, *“inti u hiereg mit-tunnel”*.

- Fil-hin ta’ l-incident kien qieghed isuq b’velocita ta’ bejn 60 u 65 kilometru fis-siegha.

3. Mill-verzjoni tal-fatti kif iddeskrivihom is-sewwieq tal-vettura Toyota Tercell, li fil-fehma tat-Tribunal ma gewx kontradetti, jirrizulta bic-car li kien il-konvenut li qabad u bidel il-karreggjata sabiex ikun jista’ jdur ghal triq sekondarja. It-Tribunal jifhem li bil-manuvra li ghamel il-konvenut, holoq emergenza subitaneja ghas-sewwieq l-iehor u b’rizultat ta’ liema ma setax jevita l-incident. Joseph Vella spjega li meta l-konvenut ghamel il-manuvra li biha biddel il-karreggjata, id-distanza bejn iz-zewg vetturi kienet ta’ *“xi metru”*. Distanza li tigi perkorsa f’tebqa t’ghajn.

Skond il-Highway Code:

*“In roads having more than one lane on each side, **never switch abruptly** to the right if you are on the left-hand side, **nor abruptly** to the left if you are proceeding along the right-hand lane”*.

Irrid ukoll jissemma li fil-mina hemm continuous white line bejn karreggjata u ohra u dana jfisser li vettura ma tistax taqbez dina l-linja u ghalhekk ma jistax isir bdil minn lane ghall-ohra fil-mina. Il-konvenut kien projbit li jibdel il-karreggjata waqt li kien ghaddej taht il-mina. Kien ukoll obbligat li josserva r-regola kardinali ta’ ‘lane discipline’, li fil-passagg minn karreggjata ghall-ohra, is-sewwieq m’ghandux jikkaguna *“inconvenience or danger to the other vehicles”* [ara f’dan is-sens is-sentenza moghtija

mill-Qorti ta' App. Kriminali – **Pulizija vs Nazzareno Frendo deciza** fid-29 ta' Settembru 1962].

It-Tribunal huwa moralment konvint li bil-manuvra li ghamel il-konvenut hasad lis-sewwieq l-iehor, li da parti tieghu ma kellux bizzejjed spazju sabiex jiehu *"evasive action"*.

4. Dwar il-velocita li biha kien ghaddej Joseph Vella fil-hin ta' l-incident, it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li din kienet il-kawza prossima ta' l-incident. Jekk, kif argumentat l-avukat difensur tal-konvenut, l-attur kien ghaddej bi *speed* eccessiv daqstant iehor kien ghaddej il-konvenut li ghamel manuvra ta' sorpass fuq il-vettura misjuqa mill-attur. Madankollu, l-incident sehh minhabba l-mod traskurat li bih il-konvenut ipprova jaghmel manuvra biex jaqleb minn karreggjata ghal ohra.

5. Dwar id-danni rekalmati, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati (fol. 21 – 23) u ma gewx ikkontestati mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u disgha u sebghin lira Maltija u tnejn u disghajn centezmu (Lm679.92) danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Dicembru 1999 fi Triq M.A. Vassalli, San Giljan u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**